SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

22 ta' Mejju 2025*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport ferrovjarju – Direttiva 2012/34/UE – Tariffazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja – Impożizzjoni u ġbir ta' tariffi – Artikolu 29 – Eċċezzjonijiet għall-prinċipji ta' tariffazzjoni – Artikolu 32 – Żidiet – Metodi ta' kalkolu u ta' pubblikazzjoni – Artikolu 56 – Funzjonijiet tal-korp regolatorju – Proċedura għall-awtorizzazzjoni taż-żidiet prevista fid-dritt nazzjonali – Kundizzjonijiet"

Fil-Kawża C-538/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Awwissu 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Awwissu 2023, fil-proċedura

ÖBB-Infrastruktur AG,

WESTbahn Management GmbH,

fil-preżenza ta':

Schienen-Control Kommission,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn K. Jürimäe, Presidenta tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Imħallef tat-Tieni Awla, M. Gavalec, Z. Csehi (Relatur) u F. Schalin, Imħallfin,

Avukata Ġenerali: T. Ćapeta,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal ÖBB-Infrastruktur AG, minn K. Retter, Rechtsanwalt,

– għal WESTbahn Management GmbH, minn E. Lichtenberger, Rechtsanwalt,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għax-Schienen-Control Kommission, minn R. Streller, President,

– għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch, J. Schmoll u G. Kunnert, bħala aġenti,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn E. M. Besselink u K. Bulterman, bħala aġenti,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Gvern Norveġiż, minn T. Aalia u G. G. Mostuen, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Messina u E. Schmidt, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(4) u tal-Artikolu 27(2) u (4) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU 2012, L 343, p. 32, rettifika fil-ĠU 2015, L 67, p. 32 u fil-ĠU 2015, L 196, p. 67), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 (ĠU 2016, L 352, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2012/34"), moqri flimkien mal-Anness IV ta' din id-direttiva, tal-Artikolu 31(3) u tal-Artikolu 32 tal-imsemmija direttiva, kif ukoll tal-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/909 tat-12 ta' Ġunju 2015 dwar il-modalitajiet għall-kalkolu tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju (ĠU 2015, L 148, p. 17).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, ÖBB-Infrastruktur AG (iktar 'il quddiem "ÖBB-Infra"), il-maniġer ewlieni tal-infrastruttura ferrovjarja Awstrijaka, u WESTbahn Management GmbH (iktar 'il quddiem "WESTbahn"), impriża ferrovjarja, u, min-naħa l-oħra, ix-Schienen-Control Kommission (il-Bord ta' Kontroll Ferrovjarju, l-Awstrija) (iktar 'il quddiem is-"SCK"), dwar l-awtorizzazzjoni taż-żidiet fit-tariffi tal-infrastruttura.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2012/34

3 Il-premessi 34, 43 u 70 tad-Direttiva 2012/34 jiddikjaraw:

"(34) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u l-aċċess nondiskriminatorju għall-infrastruttura ferrovjarja, u għas-servizzi f'faċilitajiet għas-servizz, għall-impriżi ferrovjarji kollha, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jintużaw id-drittijiet tal-aċċess għandha tiġi ppubblikata f'dikjarazzjoni dwar in-netwerk. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandha tiġi ppubblikata f'mill-anqas żewġ lingwi uffiċjali tal-Unjoni f'konformità mal-prattika internazzjonali eżistenti.

[…]

(43) Fil-qafas stabbilit mill-Istati Membri, il-piżijiet u l-iskemi tal-allokazzjoni tal-kapaċità għandhom jinkoraġġixxu lill-maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja biex itejbu kemm jistgħu l-użu tal-infrastruttura tagħhom.

[…]

(70) Il-livell globali ta'rkupru tal-prezz permezz ta'piżijiet infrastrutturali jaffettwa l-livell meħtieġ ta' kontribuzzjoni tal-gvern. L-Istati Membri jistgħu jesiġu livelli differenti ta' rkupru globali tal-prezz. Madanakollu kull skema ta' imposti tal-infrastruttura għandha tippermetti livell ta' traffiku li jista' tal-inqas iħallas għall-prezz addizzjonali li timponi b'riżultat tal-użu tan-netwerk tal-ferrovija."

4 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'impriża ferrovjarja' tfisser impriża pubblika jew privata liċenzjata skont din id-Direttiva, li n-negozju ewlieni tagħha huwa li tipprovdi servizzi għat-trasport ta' oġġetti u/jew ta' passiġġieri bil-ferrovija b'kundizzjoni li l-impriża tiżgura trazzjoni; din tinkludi wkoll impriżi li jipprovdu trazzjoni biss;

(2) 'maniġer tal-infrastruttura' tfisser kwalunkwe korp jew ditta responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiġdid ta' infrastruttura ferrovjarja fuq netwerk, kif ukoll responsabbli għall-parteċipazzjoni fl-iżvilupp tagħha kif determinat mill-Istat Membru fil-qafas tal-politika ġenerali tiegħu dwar l-iżvilupp u l-finanzjament tal-infrastruttura;

[…]

(19) 'applikant' tfisser impriża ferrovjarja jew grupp internazzjonali ta' impriżi ferrovjarji jew persuni jew entitajiet legali oħrajn, bħal awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti

tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU 2007, L 315, p. 1)] u shippers, forwarders tal-merkanzija u operaturi tat-trasport ikkumbinat, b'interess tas-servizz pubbliku jew b'interess kummerċjali fil-forniment tal-kapaċità tal-infrastuttura;

[…]

(26) 'dikjarazzjoni dwar in-netwerk' tfisser id-dikjarazzjoni li tistabbilixxi fid-dettall ir-regoli ġenerali, it-termini, il-proċeduri u l-kriterji għall-iskemi ta' tqegħid ta' piżijiet u tal-allokazzjoni tal-kapaċità inkluża l-informazzjoni l-oħra bħal din li hi meħtieġa biex tippermetti l-applikazzjonijiet għall-kapaċità tal-infrastruttura;

[…]"

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, intitolat, "Indipendenza tal-impriżi ferrovjarji u tal-maniġers tal-infrastruttura", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fir-rigward tal-immaniġġjar, l-amministrazzjoni u l-kontroll intern fuq kwistjonijiet amministrattivi, ekonomiċi u ta' kontabbiltà, l-impriżi ferrovjarji li huma direttament jew indirettament proprjetà tal-Istati Membri jew ikkontrollati minnhom ikollhom status indipendenti li b'konformità miegħu huma ser iżommu, b'mod partikolari, assi, bagits u kontijiet li huma separati minn dawk tal-Istat.

2. Waqt li jirrispetta l-qafas u r-regoli speċifiċi dwar it-tqegħid ta' piżijiet u dwar l-allokazzjoni stabbiliti mill-Istati Membri, il-maniġer tal-infrastruttura għandu jkun responsabbli għall-immaniġġjar, l-amministrazzjoni u l-kontroll intern tiegħu stess."

6 L-Artikolu 8 tal-istess direttiva, intitolat "Finanzjament tal-maniġer tal-infrastruttura", huwa fformulat kif ġej, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali tal-kummerċ u f'perjodu raġonevoli ta' żmien li m'għandux jaqbeż perjodu ta' ħames snin, il-kont tal-qligħ u t-telf ta' maniġer tal-infrastruttura għandhom għall-inqas jibbilanċjaw dħul mill-piżijiet tal-infrastruttura, iż-żejjed minn attivitajiet kummerċjali oħrajn, dħul minn sorsi privati li ma jistax jitħallas lura u l-fondi mill-Istat, fuq naħa waħda, inkluzi ħlasijiet bil-quddiem mill-Istat, meta jkun xieraq, u infiq infrastrutturali, min-naħa l-oħra."

7 L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34, intitolat "Dikjarazzjoni dwar in-netwerk", jipprovdi, fil-paragrafi 2 u 4 tiegħu:

"2. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandha tistabbilixxi n-natura tal-infrastruttura disponibbli għall-impriżi ferrovjarji, u tiġbor fiha informazzjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja rilevanti. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandu jkun fiha wkoll informazzjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-faċilitajiet tas-servizzi konnessi man-netwerk tal-maniġer tal-infrastruttura u għall-forniment tas-servizzi f'dawn il-faċilitajiet jew tindika sit tal-internet fejn tali informazzjoni tkun disponibbli mingħajr ħlas f'format elettroniku. Il-kontenut tad-dikjarazzjoni dwar in-netwerk huwa stipulat fl-Anness IV.

[…]

4. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandha tiġi ppubblikata mhux inqas minn erba' xhur bil-quddiem qabel id-data ta' skadenza għal talbiet għall-kapaċità tal-infrastruttura."

8 L-Artikolu 29 ta' din id-direttiva, intitolat "Stabbiliment, determinazzjoni u ġbir ta' imposti [tariffi]", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas tal-imposti waqt li jirrispettaw l-indipendenza tal-immaniġġjar stipulata fl-Artikolu 4.

Mingħajr preġudizzju għal dik il-kundizzjoni, l-Istati Membri għandhom ukoll jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar l-imposti jew jiddelegaw dawn is-setgħat lill-maniġers tal-infrastruttura.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dikjarazzjoni tan-netwerk tkun tinkludi l-qafas tal-imposti u r-regoli għat-tqegħid tal-imposti jew tindika sit elettroniku fejn jiġu ppubblikati l-qafas tal-imposti u r-regoli għat-tqegħid tal-imposti.

Il-maniġer tal-infrastruttura għandu jiddetermina u jiġbor il-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura skont il-qafas ta' tqegħid tal-imposti u r-regoli tat-tqegħid tal-imposti stabbiliti.

[…]"

9 L-Artikolu 31 tal-imsemmija direttiva, intitolat " Il-Prinċipji tat-tqegħid tal-imposti", jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 4 jew 5 ta' dan l-Artikolu jew għall-Artikolu 32, l-imposti għall-pakkett ta' aċċess minimu u għal aċċess għal infrastrutturi li jgħaqqdu l-faċilitajiet ta' servizz għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju.

Qabel 16 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni [Ewropea] għandha tadotta miżuri li jistabbilixxu l-modalitajiet għall-kalkolu tal-ispejjeż imġarrba direttament bħala riżultat tal-operat tal-ferrovija. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 62(3).

Il-maniġer tal-infrastruttura jista' jiddeċiedi li jadatta gradwalment għal dawk il-modalitajiet matul perjodu ta' mhux aktar minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni."

10 L-Artikolu 32 tal-istess direttiva, intitolat "Eċċezzjonijiet għall-prinċipji tat-tqegħid tal-imposti", huwa fformulat kif ġej, fil-paragrafi 1 u 6 tiegħu:

"1. Sabiex ikun hemm irkupru sħiħ tal-ispejjeż magħmula mill-maniġer tal-infrastruttura, Stat Membru jista', jekk is-suq jiflaħ għalihom, jimponi mark-ups fuq bażi ta' prinċipji effiċjenti, trasparenti u nondiskriminatorji, waqt li jiggarantixxi l-aħjar kompetittività ta' taqsimiet tas-suq ferrovjarju. Is-sistema tat-tqegħid tal-imposti għandha tirrispetta ż-żidiet fil-produttività miksuba mill-impriżi ferrovjarji.

Iżda l-livell tal-imposti ma għandux jeskludi l-użu tal-infrastruttura minn taqsimiet tas-suq li jistgħu jħallsu għall-inqas l-ispejjeż imġarrba direttament b'riżultat tat-tħaddim tas-servizz ferrovjarju, u rata ta' redditu li jiflaħ għaliha s-suq.

Qabel ma japprovaw l-impożizzjoni ta' tali mark-ups, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-maniġers tal-infrastruttura jivvalutaw ir-rilevanza tagħhom għal taqsimiet speċifiċi tas-suq, filwaqt li jqisu mill-inqas il-pari elenkati fil-punt 1 tal-Anness VI u jżommu dawk rilevanti. Il-lista ta' taqsimiet tas-suq definita mill-maniġers tal-infrastruttura għandu jkun fiha mill-inqas dawn it-tliet taqsimiet li ġejjin: is-servizzi ta' trasport tal-merkanzija, is-servizzi tal-passiġġieri fil-qafas ta' kuntratt tas-servizz pubbliku u servizzi oħra għall-passiġġieri.

Il-maniġers tal-infrastruttura jistgħu jiddistingwu wkoll it-taqsimiet tas-suq skont il-prodott bażiku jew il-passiġġieri li jkunu qed jiġu trasportati.

It-taqsimiet tas-suq fejn attwalment ma jkunux qed jaħdmu impriżi ferrovjarji iżda li jistgħu jipprovdu servizzi matul il-perjodu ta' validità tas-sistema tat-tqegħid tal-imposti għandhom ukoll jiġu definiti. Il-maniġer tal-infrastruttura ma għandux jinkludi mark-up fis-sistema tat-tqegħid tal-imposti għal dawk it-taqsimiet tas-suq.

Il-lista ta' taqsimiet tas-suq għandha tiġi ppubblikata fid-dikjarazzjoni dwar in-netwerk u għandha tiġi riveduta mill-inqas kull ħames snin. Il-korp regolatorju msemmi fl-Artikolu 55 għandu jikkontrolla dik il-lista f'konformità mal-Artikolu 56.

[…]

6. Jekk maniġer tal-infrastruttura jkun beħsiebu jemenda l-elementi essenzjali tas-sistema tat-tqegħdi tal-imposti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandu jagħmilhom pubbliċi għall-inqas tliet xhur qabel id-data ta' skadenza għall-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-netwerk skont l-Artikolu 27(4)."

11 L-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34, intitolat "Funzjonijiet tal-korp regolatorju", jipprovdi, fil-paragrafi 1, 2, 6, 9 u 10 tiegħu:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 46(6), applikant għandu jkollu d-dritt li jappella lill-korp regolatorju jekk jemmen li ma ġiex ittrattat b'mod ekwu, saret diskriminazzjoni kontrih jew saritlu offża bi kwalunkwe mod ieħor, u b'mod partikolari kontra deċiżjonijiet adottati mill-maniġer tal-infrastruttura jew fejn hu xieraq, mill-impriża ferrovjarja jew mill-operatur ta' faċilita tas-servizz dwar:

(a) id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk fil-verżjonijiet proviżorji u finali tagħha;

(b) il-kriterji stabbiliti fiha;

(c) il-proċess tal-allokazzjoni u r-riżultat tiegħu;

(d) l-iskema tat-tqegħid tal-imposti;

(e) il-livell jew l-istruttura tal-imposti infrastrutturali li hu meħtieġ iħallas jew li jista' jkun meħtieġ iħallas;

(f) l-arranġamenti għall-aċċess skont l-Artikoli 10 sa 13;

(g) l-aċċess u t-tqegħid ta' imposti għas-servizzi skont l-Artikolu 13;

(h) immaniġġjar tat-traffiku;

(i) ippjanar tat-tiġdid u manutenzjoni skedata jew mhux skedata;

(j) konformità mar-rekwiżiti, inklużi dawk dwar konflitti ta' interess, stabbiliti fl-Artikolu 2(13) u l-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c, u 7d.

2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni li jiżguraw il-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi ferrovjarji, il-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa li jissorvelja s-sitwazzjoni kompetittiva fis-swieq tas-servizzi ferrovjarji, inkluż b'mod partikolari s-suq għal servizzi għall-passiġġieri b'veloċità għolja, u l-attivitajiet tal-maniġers tal-infrastruttura fir-rigward tal-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1. B'mod partikolari, il-korp regolatorju għandu jivverifika li hemm konformità mal-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1 fuq l-inizjattiva tiegħu stess u bil-ħsieb li jevita d-diskriminazzjoni kontra l-applikanti. Għandu, b'mod partikolari, jiċċekkja jekk id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk fihiex klawżoli diskriminatorji jew jekk toħloqx setgħat diskrezzjonali għall-maniġer tal-infrastruttura li jistgħu jintużaw biex issir diskriminazzjoni kontra l-applikanti.

[…]

6. Il-korp regolatorju għandu jiżgura li l-imposti stabbiliti mill-maniġer tal-infrastruttura jikkonformaw mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV u li dawn huma nondiskriminatorji. In-negozjati bejn l-applikanti u l-maniġer tal-infrastruttura dwar il-livell tal-imposti infrastrutturali għandhom jiġu permessi biss jekk dawn isiru taħt is-superviżjoni tal-korp regolatorju. Il-korp regolatorju għandu jintervjeni jekk in-negozjati potenzjalment jiksrux r-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

[…]

9. Il-korp regolatorju għandu jikkunsidra kull ilment u, kif jixraq, għandu jitlob tagħrif relevanti u jagħti bidu għal konsultazzjonijiet mal-partijiet relevanti kollha, fi żmien xahar minn meta jkun irċieva l-ilment. Huwa għandu jiddeċiedi fuq kull ilment u jieħu azzjoni biex jirrimedja s-sitwazzjoni u jgħarraf lill-partijiet relevanti bid-deċiżjoni motivata tiegħu fi żmien determinat minn qabel, raġonevoli u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 6 ġimgħat minn meta jirċievi l-informazzjoni kollha. Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali għall-iżgurar tal-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizz ferrovjarju, il-korp regolatorju għandu, fejn xieraq, jiddeċiedi fuq l-inizjattiva tiegħu stess dwar miżuri xierqa biex jitranġaw il-każijiet ta' diskriminazzjoni kontra l-applikanti, id-distorsjonijiet tas-suq u kwalunkwe żvilupp ieħor mhux mixtieq f'dawn is-swieq, b'mod partikolari b'referenza għall-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1.

Deċiżjoni tal-korp regolatorju għandha tkun torbot lill-partijiet kollha koperti minn dik id-deċiżjoni, u ma għandhiex tkun suġġetta għall-kontroll ta' istanza amministrattiva oħra. Il-bord regolatorju għandu jkun jista' jinforza d-deċiżjonijiet tiegħu bil-pieni xierqa, inkluż permezz tal-multi.

Fil-każ ta' appell kontra rifjut li tingħata l-kapaċità infrastrutturali, jew kontra t-termini ta' offerta għall-kapaċità, il-korp regolatorju għandu jew jikkonferma li ebda modifika tad-deċiżjoni ta' l-amministratur ta' l-infrastruttura ma hi meħtieġa, jew għandha teħtieġ modifika ta' dik id-deċiżjoni skond id-direzzjonijiet speċifikati mill-korp regolatorju.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjonijiet meħuda mill-korp regolatorju jkunu suġġetti għal analiżi ġudizzjarja. L-appell jista' jkollu effett ta' sospensjoni fuq id-deċiżjoni tal-korp regolatorju biss meta d-dħul fis-seħħ immedjat tad-deċiżjoni tal-korp regolatorju jista' jikkawża danni irreparabbli jew evidentement eċċessivi għal min ikun qed jappella. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-qorti li tkun qed tisma' l-appell kif mogħti lilha mil-liġi kostituzzjonali applikabbli."

12 L-Anness IV tad-Direttiva 2012/34 jagħti l-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmija fl-Artikolu 27 ta' din id-direttiva.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/909

13 L-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/909, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) 'spiża diretta' tfisser l-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju;

(2) 'spiża unitarja diretta' tfisser l-ispiża diretta għal kull kilometru ferrovjarju, kull kilometru ta' vettura, kull kilometru tunnellata gross ta' ferrovija, jew kombinazzjoni ta' dawn;

[…]"

14 L-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni jistabbilixxu, għall-finijiet tal-kalkolu tal-ispejjeż diretti, rispettivament, "Spejjeż diretti abbażi tan-netwerk kollu" u "Spejjeż mhux eliġibbli".

15 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-ispejjeż diretti abbażi tan-netwerk kollu għandhom jiġu kkalkolati bħala d-differenza bejn, minn naħa waħda, l-ispejjeż għall-forniment tas-servizzi tal-pakkett tal-aċċess minimu u għall-aċċess għal infrastruttura li tgħaqqad il-faċilitajiet ta' servizz u, min-naħa l-oħra, l-ispejjeż mhux eliġibbli msemmija fl-Artikolu 4."

Id-dritt Awstrijak

16 Il-Bundesgesetz über Eisenbahnen, Schienenfahrzeuge auf Eisenbahnen und den Verkehr auf Eisenbahnen (Eisenbahngesetz) (il-Liġi Federali dwar il-Linji tal-Ferrovija, il-Vetturi Ferrovjarji u t-Traffiku Ferrovjarju), tas-7 ta' Marzu 1957 (BGBl., 60/1957), fil-verżjoni tagħha li daħlet fis-seħħ fis-27 ta' Novembru 2015 (BGBl. I, 137/2015), tinkludi l-Artikolu 67d li, fil-paragrafi 1 u 6, jipprevedi:

"1. Fejn it-tariffi għall-użu tal-infrastruttura u dħul ieħor mill-ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja ma jkunux biżżejjed sabiex ikopru l-ispejjeż kollha, jistgħu jiġu ffissati żidiet addizzjonali abbażi ta' prinċipji effiċjenti, trasparenti u nondiskriminatorji, u dan filwaqt li tkun iggarantita kompetittività ottima tas-segments tas-suq ferrovjarju. Madankollu, l-ammont tar-tariffi ma għandux jeskludi l-użu tal-infrastrutturi minn segments tas-suq li jistgħu, tal-inqas, iħallsu l-ispejjeż sostnuti direttament minħabba l-operat tas-servizz ferrovjarju, flimkien ma' rata ta' rendita skont is-suq.

[…]

6. L-iffissar ta' żidiet addizzjonali huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni tas-[SCK], li għandu jagħti l-kunsens tiegħu kemm-il darba l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 ikunu ssodisfatti. […]"

17 Il-Bundesgesetz zur Neuordnung der Rechtsverhältnisse der Österreichischen Bundesbahnen (Bundesbahngesetz) (il-Liġi Federali dwar ir-Relazzjonijiet Ġuridiċi tal-Linji tal-Ferrovija Federali Awstrijaċi) tad-29 ta' Diċembru 1992 (BGBl. I, 825/1992), fil-verżjoni tad-19 ta' Awwissu 2009 (BGBl. I, 95/2009), tipprovdi, fl-Artikolu 42(1) tagħha:

"[ÖBB-Infra] għandha tbati l-ispejjeż tat-twettiq tal-funzjoni tagħha. Fuq talba ta' [ÖBB-Infra], l-Istat Federali għandu jagħti lil din tal-aħħar sussidju għal, b'mod partikolari, l-operat tal-infrastruttura ferrovjarja u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' din tal-aħħar lill-utenti jekk u sakemm id-dħul li l-utenti tal-infrastruttura ferrovjarja jkunu jistgħu jagħmlu fil-kundizzjonijiet tas-suq ikkonċernat ma jkunx ikopri l-ispejjeż sostnuti fil-kuntest ta' ġestjoni ekonomika u effikaċi."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 ÖBB-Infra hija l-maniġer ewlieni tal-infrastruttura ferrovjarja fl-Awstrija. Hija għandha tidentifika u timponi t-tariffi għall-użu ta' din l-infrastruttura u għandha tippubblika l-informazzjoni rilevanti fid-dikjarazzjoni dwar in-network. Dawn it-tariffi huma, b'mod partikolari, tariffi għall-ispejjeż diretti tal-użu tal-infrastruttura kif ukoll żidiet f'dawn it-tariffi. Tali żidiet għandhom, skont l-Artikolu 67d tal-Liġi Federali dwar il-Linji tal-Ferrovija, il-Vetturi Ferrovjarji u t-Traffiku Ferrovjarju, fil-verżjoni tagħha tas-27 ta' Novembru 2015, jitressqu quddiem is-SCK għall-awtorizzazzjoni tiegħu.

19 Fit-12 ta' Awwissu 2016, ÖBB-Infra talbet lis-SCK jawtorizzaha żżid it-tariffi tal-infrastruttura għall-orarju tax-xogħol tal-2018, jiġifieri l-perijodu mill-10 ta' Diċembru 2017 sat-8 ta' Diċembru 2018. Din kienet l-ewwel talba f'dan is-sens min-naħa ta' ÖBB-Infra.

20 Permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2016, is-SCK awtorizza dawn iż-żidiet. WESTbahn ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija), li hija l-qorti tar-rinviju. Bis-saħħa ta' sentenza tal-5 ta' Lulju 2017, din tal-aħħar annullat din id-deċiżjoni u bagħtet lura l-kawża quddiem is-SCK sabiex dan tal-aħħar jadotta deċiżjoni ġdida.

21 Fit-18 ta' Awwissu 2017, ÖBB-Infra talbet lis-SCK jawtorizzaha żżid it-tariffi tal-infrastruttura għall-orarju tax-xogħol tal-2019, jiġifieri l-perijodu mid-9 ta' Diċembru 2018 sas-7 ta' Diċembru 2019. Din it-talba, bir-referenza SCK-17-009, ġiet annessa, mis-SCK, mal-proċedura SCK-16-012 dwar l-awtorizzazzjoni taż-żidiet għall-orarju tax-xogħol tal-2018.

22 Barra minn hekk, is-SCK fetaħ proċedura, bir-referenza SCK-18-010, intiża li tivverifika l-ispejjeż diretti ta' ÖBB-Infra u għaqqaditha wkoll mal-proċeduri SCK-16-012 u SCK-17-009 iċċitati iktar 'il fuq.

23 Fid-dikjarazzjoni dwar in-network tal-2018, għal kull segment tas-suq, kienet indikata biss it-tariffa totali li kellha titħallas għal kull kilometru li jkun sar bit-tren. Mill-banda l-oħra, fid-dikjarazzjoni dwar in-network tal-2019, it-tariffi għall-ispejjeż diretti u ż-żidiet għal kull kilometru li jkun sar bit-tren f'kull segment tas-suq kienu indikati b'mod separat, flimkien mat-tariffa totali li kellha titħallas għal kull kilometru li jkun sar bit-tren, liema tariffa totali tgħodd flimkien it-tariffi u ż-żidiet.

24 Fir-rigward taż-żidiet, id-dikjarazzjonijiet dwar in-network tal-2018 u tal-2019 kienu jsemmu l-fatt li l-proċedura għall-awtorizzazzjoni tagħhom kienet għadha pendenti. Fid-dikjarazzjoni dwar in-network tal-2019, ġie indikat ukoll li, fil-każ fejn id-deċiżjoni definittiva li ġġib fi

tmiemha din il-proċedura tingħata wara l-bidu tal-orarju tax-xogħol, kellu jsir, jekk ikun il-każ, rimbors tat-tariffi żejda li jkunu nġabru jew irkupru tat-tariffi li jkunu nġabru f'ammonti żgħar ħafna.

25 Fl-24 ta' Ġunju 2019, ÖBB-Infra talbet xi emendi fir-rigward tat-talbiet tagħha dwar iż-żidiet għall-2018 u għall-2019 billi, li kellu s-SCK jiffissa, fil-kuntest tal-proċedura SCK-18-010, l-ispejjeż diretti f'livell inqas minn dak previst minnha stess, dawn iż-żidiet ikollhom jiġu ffissati f'livell ogħla sabiex tintlaħaq l-mira ta' dħul iffissata mill-Verkehrsministerium (il-Ministeru għat-Trasport, l-Awstrija).

26 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tirrileva li ÖBB-Infra rċeviet sussidji statali fl-2018 u fl-2019, u li l-Ministeru għat-Trasport jikkomunika lil ÖBB-Infra, għal kull orarju tax-xogħol, l-ammont totali tat-tariffi li din tal-aħħar għandha tiġġenera mit-tariffi tal-infrastruttura, flimkien maż-żidiet. Is-SCK jibbaża l-kalkolu tiegħu taż-żidiet fuq din il-mira ta' dħul.

27 Fl-aħħar mill-aħħar, kien biss permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2020 li s-SCK iffissa, għall-orarji tax-xogħol tal-2018 u tal-2019, it-tariffi relatati mal-ispejjeż diretti u ż-żidiet, kif ukoll it-tariffa totali li kellha titħallas għal kull kilometru li jkun sar bit-tren.

28 ÖBB-Infra u WESTbahn ippreżentaw rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. ÖBB-Infra tikkontesta l-imsemmija deċiżjoni billi titlob, essenzjalment, żidiet ogħla minn dawk ippubblikati fid-dikjarazzjonijiet dwar in-network tal-2018 u tal-2019.

29 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, l-ewwel nett, jekk ikunx possibbli li l-approvazzjoni taż-żidiet fit-tariffi ssir wara l-iskadenza tal-perijodu ta' validità tal-orarju tax-xogħol ikkonċernat. It-tieni nett, hija għandha dubji dwar l-ordni li fih għandhom isiru l-pubblikazzjoni ta' dawn iż-żidiet fid-dikjarazzjoni dwar in-network u l-approvazzjoni tal-imsemmija żidiet kif ukoll, it-tielet nett, dwar il-portata tal-pubblikazzjoni meħtieġa. Ir-raba' nett, hija tixtieq tkun taf jekk l-Istat Membru huwiex marbut bl-ammont taż-żidiet fit-tariffi suġġetti għall-approvazzjoni tiegħu. Il-ħames nett, hija tixtieq li tingħata kjarifika dwar l-effett li jista' jkollha "mira ta' dħul", iffissata mill-Istat Membru, fuq il-kalkolu ta' dawn iż-żidiet.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 32 tad-[Direttiva 2012/34] għandu jiġi interpretat fis-sens li approvazzjoni, mill-Istat Membru, ta' marġnijiet tas-suq [żidiet], għandha ssir *ex ante*, qabel il-bidu (jew, minn tal-inqas, qabel it-tmiem) tal-perijodu tal-iskeda tax-xogħol applikabbli li fir-rigward tiegħu jkunu ntalbu l-marġinijet tas-suq? Jew inkella l-Istat Membru jista' japprova wkoll l-marġnijiet tas-suq ex post wara t-tmiem tal-perijodu tal-iskeda tax-xogħol applikabbli (possibbilment snin wara)? L-approvazzjoni ta' marġnijiet tas-suq mill-Istat Membru fis-sens tal-Artikolu 32 tad-[Direttiva 2012/34] għandha tinftiehem bħala approvazzjoni li hija legalment vinkolanti?

(2) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) u (6), moqri flimkien mal-Artikolu 27(4) tad-[Direttiva 2012/34], għandu jiġi interpretat fis-sens li – f'ordni kronoloġika – il-marġnijiet tas-suq (fil-każ ta' modifika tal-komponenti essenzjali) għandhom l-ewwel jiġu ppubblikati fid-dikjarazzjoni tan-network (skont il-każ suġġett għal approvazzjoni) u għandhom jiġu approvati mill-Istat Membru biss wara l-pubblikazzjoni

tagħhom? Ikun hemm diġà modifika tal-komponenti essenzjali fis-sens tal-Artikolu 32(6) tad-[Direttiva 2012/34] meta jiġi mmodifikat 'biss' il-livell ta' marġnijiet tas-suq skont il-perijodu tal-iskeda tax-xogħol applikabbli tas-sena preċedenti?

(3) (Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel sentenza tat-tieni domanda) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) u (6), flimkien mal-Artikolu 27(2) u (4) tad-[Direttiva 2012/34], u flimkien mal-punt 2 tal-Anness IV tad-[Direttiva 2012/34], moqri[ja] fid-dawl tal-obbligu ta' trasparenza u tas-sigurtà tal-ippjanar tal-premessa 34 tad-[Direttiva 2012/34], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-marġnijiet tas-suq ma jistgħux jiġu approvati mill-Istat Membru jekk il-livelli tal-marġnijiet tas-suq innifishom ma jkunux ġew ippubblikati fid-dikjarazzjoni tan-network għall-perijodu tal-iskeda tax-xogħol applikabbli (li fir-rigward tiegħu jkunu ntalbu l-marġinijet tas-suq)? F'din id-dikjarazzjoni tan-network, ġiet pjuttost ippubblikata biss, għal kull segment tas-suq, tariffa globali għal kull kilometru ferrovjarju perkors (bħala s-somma tat-tariffi għall-ispejjeż sostnuti direttament minħabba l-operat tas-servizz ferrovjarju skont l-Artikolu 31(3) tad-[Direttiva 2012/34] u l-marġnijiet tas-suq skont l-Artikolu 32 tad-[Direttiva 2012/34])? Għaldaqstant, l-impriżi ferrovjarji ma setax ikollhom għarfien, minn dawn id-dikjarazzjonijiet dwar in-network, tat-tariffi għall-"ispejjeż diretti" (fis-sens tal-Artikolu 31(3) tad-[Direttiva 2012/34], moqri flimkien mal-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/909]) jew il-marġnijiet tas-suq fis-sens tal-Artikolu 32 tad-[Direttiva 2012/34] għal kull segment tas-suq[?]

(4) (Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel sentenza tat-tieni domanda) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) u (6), flimkien mal-Artikolu 27(4) tad-[Direttiva 2012/34], moqri fid-dawl tal-obbligu ta' trasparenza u tas-sigurtà tal-ippjanar tal-premessa 34 tad-[Direttiva 2012/34], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-marġnijiet tas-suq ippubblikati fid-dikjarazzjoni tan-network għall-perijodu tal-iskeda tax-xogħol applikabbli għandhom effett vinkolanti għall-approvazzjoni mill-Istat Membru? Minn dan isegwi li hemm effett vinkolanti fuq l-Istat Membru sa fejn ma jistax japprova marġnijiet tas-suq għal kull segment tas-suq ogħla minn dawk ippubblikati fid-dikjarazzjoni rilevanti dwar in-network? Jew hemm effett vinkolanti biss sa fejn it-tariffi globali approvati (jiġifieri t-tariffi għall-'ispejjeż diretti' skont l-Artikolu 31(3) tad-[Direttiva 2012/34] flimkien mal-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/909]) u marġnijiet tas-suq skont l-Artikolu 32 tad-[Direttiva 2012/34] ma jistgħux ikunu ogħla minn dawk ippubblikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network? Hemm effett vinkolanti wkoll fil-kuntest tat-talba għall-approvazzjoni sottomessa oriġinarjament lill-Istat Membru fir-rigward tal-livell ta' marġnijiet tas-suq, u fl-affermattiv f'liema sens (ebda żieda, ebda tnaqqis ieħor possibbli)? Hemm forma oħra ta' effett vinkolanti?

(5) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tad-[Direttiva 2012/34], għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk marġnijiet tas-suq humiex ammissibbli fil-prinċipju (minbarra l-vijabbiltà tas-suq li għandha tiġi vverifikata), jiġifieri, għall-finijiet tal-irkupru sħiħ tal-ispejjeż tal-ġestjonarju tal-infrastruttura, ma huwiex neċessarju li jittieħed bħala bażi d-dħul globali li l-Istat Membru jimponi fuq il-ġestjonarju [maniġer] tal-infrastruttura ferrovjarja ('għan [mira] tad-dħul'), kompost mis-somma tat-tariffi għall-ispejjeż sostnuti direttament mill-operat tas-servizz ferrovjarju, konformement mal-Artikolu 31(3) tad-[Direttiva 2012/34], u mill-marġnijiet tas-suq fis-sens tal-Artikolu 32(1) tad-[Direttiva 2012/34]; iżda pjuttost, li jiġu ddeterminati u stabbiliti l-ispejjeż meħtieġa għall-irkupru sħiħ, sabiex jiġi evalwat, abbażi ta' dawn l-ispejjeż, jekk u sa liema estent jistgħu jiġu approvati marġnijiet tas-suq? Għall-finijiet tad-determinazzjoni

dwar jekk marġnijiet tas-suq humiex ammissibbli fil-prinċipju (minbarra l-vijabbiltà tas-suq li għandha tiġi vverifikata), għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll is-sussidji Statali mill-Istat Membru lill-impriża ġestjonarja ferrovjarja u fl-affermattiv, taħt liema forma? Ikun hemm lok, skont il-każ, li jitnaqqsu dawn is-sussidji Statali mill-ispejjeż neċessarji meħtieġa għall-irkupru sħiħ (minbarra t-tariffi għall-ispejjeż imputabbli direttament għall-operat tas-servizz ferrovjarju)? Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) flimkien mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/34/UE, għandu jiġi interpretat fis-sens li, minbarra t-tariffi għall-ispejjeż imputabbli direttament lill-operat tas-servizz ferrovjarju u s-sussidji Statali li għandhom possibbilment jittieħdu inkunsiderazzjoni, l-Istat Membru għandu wkoll jiddetermina u jieħu inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tiegħu tal-ammissibbiltà tal-marġnijiet tas-suq, il-profitti l-oħra kollha tal-impriża ġestjonarja ferrovjarja minn attivitajiet ekonomiċi oħra u d-dħul kollu ieħor mhux rimborsabbli rċevut minn din l-impriża minn sorsi privati? Fl-affermattiv, taħt liema forma, u għandhom dawn possibbilment jitnaqqsu wkoll mill-ispejjeż neċessarji għall-irkupru sħiħ? Għandhom ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni, waqt dan l-eżami, tariffi oħra imposti mill-impriża ġestjonarja ferrovjarja, bħal tariffi għall-użu ta' pjattaformi tal-passiġġieri ('tariffi tal-istazzjon ferrovjarju') u tariffi għall-użu ta' provvista tal-elettriku għall-kurrent bi trazzjoni, kif ukoll pożizzjonijiet imprenditorjali oħra tal-impriża ġestjonarja ferrovjarja?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

31 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk id-Direttiva 2012/34, b'mod partikolari l-Artikolu 32 tagħha, għandhiex tiġi interpretata fis-sens li din id-direttiva ma tipprekludix li Stat Membru jissuġġetta l-impożizzjoni taż-żidiet fit-tariffi għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja ffissati mill-maniġer ta' din l-infrastruttura għal proċedura għal awtorizzazzjoni u jekk, fl-affermattiv, id-deċiżjoni adottata fi tmiem din il-proċedura għandhiex neċessarjament tingħata qabel il-bidu tal-perijodu ta' validità tal-orarju tax-xogħol li għalih ikunu ntalbu dawn iż-żidiet. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf ukoll jekk din l-awtorizzazzjoni għandhiex titqies li hija ta' natura definittiva.

32 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2012/34, Stat Membru jista', sabiex jagħmel irkupru sħiħ tal-ispejjeż sostnuti mill-maniġer tal-infrastruttura u kemm-il darba s-suq ikun jiflaħ għalihom, jimponi żidiet abbażi ta' prinċipji effiċjenti, trasparenti u nondiskriminatorji, u dan filwaqt li jiggarantixxi kompetittività ottima tas-segments tas-suq ferrovjarju. It-tielet subparagrafu ta' dan l-Artikolu 32(1) jipprovdi li l-Istati Membri, qabel ma japprovaw l-impożizzjoni ta' tali żidiet, għandhom jiżguraw li l-maniġer tal-infrastruttura jkun ivvaluta r-rilevanza tagħhom għal segments speċifiċi tas-suq, billi jkun, tal-inqas, qies il-pari elenkati fil-punt 1 tal-Anness VI u jagħżel dawk l-iktar rilevanti.

33 Dawn iż-żidiet jingħaddu mat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura u tal-faċilitajiet għas-servizz, liema tariffi jikkostitwixxu element fundamentali tas-sistema ta' tariffazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, kif irregolata mit-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 2012/34.

34 F'din it-Taqsima 2, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2012/34 jeżiġi li, fl-interess tal-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' tariffazzjoni ta' din l-infrastruttura, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu "qafas għall-impożizzjoni ta' tariffi", u dan filwaqt li josservaw l-indipendenza amministrattiva tal-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja prevista fl-Artikolu 4 ta'

din id-direttiva. Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tal-imsemmija direttiva jippreċiża li dan il-maniġer għandu jiddetermina u jimponi t-tariffa għall-użu tal-infrastruttura skont dan il-qafas ta' tariffazzjoni u r-regoli stabbiliti ta' tariffazzjoni.

35 B'dan il-mod, l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2012/34 iqassam il-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-maniġer tal-infrastruttura f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi ta' tariffazzjoni. Fil-fatt, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu qafas għat-tariffazzjoni, filwaqt li d-determinazzjoni tat-tariffa u l-impożizzjoni tagħha huma r-responsabbiltà tal-maniġer tal-infrastruttura (sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, LatRailNet u Latvijas dzelzceļš, C-144/20, EU:C:2021:717, punt 44, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

36 Billi l-Artikolu 32 ta' din id-direttiva jinsab fl-istess taqsima tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 2012/34 bħall-Artikolu 29 ta' din tal-aħħar, ma jistax ikun xort'oħra fil-każ tad-determinazzjoni taż-żidiet, minkejja r-riferiment għal approvazzjoni mill-Istat Membru tal-impożizzjoni ta' tali żidiet magħmul fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 32(1) ta' din id-direttiva, u dan iktar u iktar peress li t-tqassim tal-kompetenzi stabbilit f'din id-dispożizzjoni tal-aħħar jirrifletti l-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva.

37 B'dan premess, mill-Artikolu 56(1)(d) u (e) tad-Direttiva 2012/34 jirriżulta li d-deċiżjonijiet adottati mill-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistema ta' tariffazzjoni u mal-livell jew mal-istruttura tat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura jistgħu jkunu suġġetti għall-kontroll tal-korp regolatorju.

38 F'dan ir-rigward, huwa stabbilit li, l-ewwel nett, skont l-Artikolu 56(1) u (2) tad-Direttiva 2012/34, dan il-korp għandu jaġixxi jew fuq talba ta' applikant, fis-sens tal-punt 19 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, jew inkella minn jeddu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 56(6) tal-imsemmija direttiva, l-imsemmi korp għandu jiżgura li t-tariffi stabbiliti mill-maniġer tal-infrastruttura jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-istess direttiva u li dawn ikunu nondiskriminatorji.

39 It-tieni nett, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 56(9) u l-Artikolu 56(10) tad-Direttiva 2012/34, id-deċiżjonijiet tal-korp regolatorju għandhom jorbtu lill-partijiet kollha kkonċernati, ma għandhom ikunu suġġetti għall-ebda kontroll ta' korp amministrattiv ieħor u għandhom ikunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju.

40 It-tielet nett, il-kompetenza tal-korp regolatorju sabiex jikkontrolla l-legalità tat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura ma tistax tiddependi mill-fatt li huwa jkun ġie adit qabel jew wara ma jkunu skadew il-perijodi ta' applikazzjoni rispettivi ta' dawn it-tariffi. Dan il-korp mhux biss ma jistax validament jirrifjuta l-kompetenza tiegħu sabiex jiddeċiedi dwar il-legalità tat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura imposti fil-passat, iżda, apparti dan, tali kompetenza neċessarjament timplika li l-imsemmi korp jista' jikkonstata, jekk ikun il-każ, l-invalidità ta' dawn it-tariffi b'effett *ex tunc* (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 2022, DB Station & Service, C-721/20, EU:C:2022:832, punt 87, kif ukoll tas-7 ta' Marzu 2024, Die Länderbahn *et*, C-582/22, EU:C:2024:213, punti 49 u 55).

41 Mill-premess jirriżulta li s-sistema ta' tariffazzjoni stabbilita fid-Direttiva 2012/34 hija bbażata fuq il-prinċipju li huwa l-Istat Membru li għandu jistabbilixxi qafas għat-tariffazzjoni li jkun jikkonċerna, b'mod partikolari, ir-regoli ġenerali ta' tariffazzjoni, li huwa l-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja li għandu jimplimenta dan il-qafas billi jiddetermina u jimponi t-tariffi għall-użu ta' din l-infrastruttura u tal-faċilitajiet għas-servizz kif ukoll kull żieda f'dawn

it-tariffi u li d-deċiżjonijiet meħuda minn dan il-maniġer huma suġġetti għall-kontroll tal-korp regolatorju, liema korp għandu jintervjeni *ex post* u d-deċiżjonijiet tiegħu jista' jkollhom effett retroattiv.

42 Mill-banda l-oħra, id-Direttiva 2012/34, u, b'mod partikolari, il-Kapitolu IV tagħha, ma tistabbilixxi ebda proċedura għal awtorizzazzjoni preliminari la għat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura u tal-faċilitajiet għas-servizz u lanqas għaż-żidiet li jistgħu jsiru.

43 B'mod iktar speċifiku, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34, bħal dik tal-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 404), liema artikolu tal-aħħar ippreċeda dak tal-ewwel, jirriżulta li dan l-Artikolu 56 ma jipprevedi ebda proċedura għal awtorizzazzjoni preliminari tat-tariffi tal-infrastruttura. L-imsemmi Artikolu 56 ma jeħtieġx li l-maniġers tal-infrastruttura jissottomettu t-tariffi tal-infrastruttura li huma jkunu biħsiebhom jimponu jew il-fatturi użati għall-kalkolu tagħhom lill-korp regolatorju għall-awtorizzazzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju, l-istess Artikolu 56 sempliċement jipprevedi kontroll tat-tariffi li jkunu diġà stabbiliti, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-paragrafu 1 u mill-ewwel sentenza tal-paragrafu 6 ta' dan tal-aħħar. Dan il-kontroll huwa r-responsabbiltà tal-korp regolatorju li jiddeċiedi jew fil-kuntest ta' rikors jew inkella *ex officio* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Frar 2022, ORLEN KolTrans, C-563/20, EU:C:2022:113, punti 43 u 50).

44 Peress li, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet premessi, id-Direttiva 2012/34 ma tipprevedi ebda proċedura għall-awtorizzazzjoni tat-tariffi tal-infrastruttura jew tal-fatturi użati fid-determinazzjoni ta' dawn tal-aħħar, hija lanqas ma tista' tiddetermina r-regoli ta' tali proċedura (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Frar 2022, ORLEN KolTrans (C-563/20, EU:C:2022:113, punt 54).

45 Madankollu, fid-dawl tal-fatt li, skont l-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34, il-korp regolatorju jista' jieħu deċiżjoni minn jeddu u li huwa jara li, skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu 56, it-tariffi stabbiliti mill-maniġer tal-infrastruttura jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV ta' din id-direttiva, l-imsemmija direttiva ma tistax tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi li Stat Membru jeżiġi li l-korp regolatorju jeżamina *ex officio*, fil-każijiet kollha, id-deċiżjonijiet meħuda minn maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja f'dak li għandu x'jaqsam mat-tariffazzjoni.

46 Għal din ir-raġuni, hija lanqas ma tipprekludi li Stat Membru, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2012/34 fid-dritt nazzjonali tiegħu, jipprevedi li tali kontroll sistematiku jseħħ hekk kif il-maniġer tal-infrastruttura jgħarraf lill-korp regolatorju bl-intenzjoni tiegħu li jimponi tariffi jew li jimmodifika dawn tal-aħħar.

47 Madankollu, tali proċedura għal awtorizzazzjoni la tista' tippreġudika l-implimentazzjoni effettiva tas-sistema ta' tariffazzjoni stabbilita fil-Kapitolu IV tad-Direttiva 2012/34, u lanqas dispożizzjonijiet oħra ta' din id-direttiva, il-konsistenza tagħha jew l-għanijiet li hija tfittex li tilħaq.

48 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li s-sistema stabbilita fid-Direttiva 2012/34 tfittex li tiżgura l-indipendenza amministrattiva tal-maniġer tal-infrastruttura. Sabiex tali indipendenza tkun iggarantita, huwa meħtieġ li l-maniġer tal-infrastruttura jgawdi, fil-qafas tat-tariffazzjoni kif

iddefinit mill-Istati Membri, marġni ta' manuvra fid-determinazzjoni tal-ammont tat-tariffi b'mod li huwa jkun jista' juża dik il-flessibbiltà bħala għodda ta' ġestjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, LatRailNet u Latvijas dzelzceļš, C-144/20, EU:C:2021:717, punt 41, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 Konsegwentement, il-kontroll eżerċitat mill-korp regolatorju fil-kuntest ta' proċedura għal awtorizzazzjoni għandu jkun limitat sabiex jiġu rrimedjati sitwazzjonijiet ta' inkompatibbiltà fid-dawl tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 2012/34 jew tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Dan il-korp regolatorju ma huwiex, għalhekk, awtorizzat iġiegħel lill-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja jissuġġetta ruħu għall-evalwazzjoni ta' opportunità tal-imsemmi korp, billi, b'dan il-mod, il-korp regolatorju jkun qiegħed jippreġudika l-marġni ta' manuvra li għandu jkollu dan il-maniġer (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, LatRailNet u Latvijas dzelzceļš, C-144/20, EU:C:2021:717, punti 46 u 47).

50 Fit-tieni lok, anki jekk, kif jirriżulta mill-punt 44 ta' din is-sentenza, id-Direttiva 2012/34 ma tiddeterminax ir-regoli ta' proċedura possibbli għal awtorizzazzjoni, xorta jibqa' l-fatt li tali regoli ma jistgħux inaqqru l-prerogattivi tal-atturi involuti u ma jistgħux, b'mod partikolari, iżommu lill-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja milli josserva t-terminu previst fl-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 2012/34 għall-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-network.

51 Barra minn hekk, proċedura għal awtorizzazzjoni ma għandhiex tillimita l-possibbiltà għall-persuni msemmija fl-Artikolu 56(1) tad-Direttiva 2012/34 li jinvokaw id-drittijiet tagħhom f'sitwazzjoni fejn huma jkunu jqisu lilhom infushom vittmi ta' trattament inġust, ta' diskriminazzjoni jew ta' kwalunkwe dannu ieħor, b'mod partikolari billi jippreżentaw rikors kontra d-deċiżjonijiet meħuda mill-maniġer tal-infrastruttura jew, jekk ikun il-każ, mill-impriża ferrovjarja jew mill-operatur ta' faċilità għas-servizz.

52 Fit-tielet lok, proċedura għal awtorizzazzjoni ma għandhiex iżżomm lill-korp regolatorju milli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34, u lanqas ma għandha tikkompromett l-protezzjoni hekk mogħtija lill-applikanti.

53 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 56(10) ta' din id-direttiva, id-deċiżjonijiet meħuda mill-korp regolatorju għandhom ikunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju.

54 Għaldaqstant, deċiżjoni meħuda mill-korp regolatorju fil-kuntest ta' proċedura għal awtorizzazzjoni tista' tkun definittiva biss fuq il-livell amministrattiv u ma tistax tkun eżentata minn stħarriġ ġudizzjarju.

55 Ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun, għalhekk, li l-Artikolu 29(1), kif ukoll l-Artikoli 32 u 56 tad-Direttiva 2012/34, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li Stat Membru jissuġġetta l-impożizzjoni ta' żidiet f'tariffi għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja ddeterminati mill-maniġer ta' din l-infrastruttura għal proċedura għal awtorizzazzjoni, bil-kundizzjoni, madankollu, li tali proċedura tkun tosserva l-marġni ta' manuvra li għandu jkollu l-maniġer tal-imsemmija infrastruttura ferrovjarja fid-determinazzjoni tal-ammont tat-tariffi b'mod li huwa jkun jista' juża din il-flessibbiltà bħala għodda ta' ġestjoni, ma tkunx tnaqqar il-prerogattivi tal-atturi involuti u ma tkunx iżżomm lill-korp regolatorju milli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont l-imsemmi Artikolu 56.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

56 It-tieni u t-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju jirrigwardaw it-tnejn li huma l-portata tal-obbligu li tiġi ppubblikata dikjarazzjoni dwar in-network, stabbilit fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34, fil-kuntest ta' żidiet fit-tariffi ddeterminati abbażi tal-Artikolu 32 ta' din id-direttiva. Ikun jaqbel li dawn jiġu eżaminati flimkien.

57 Permezz ta' dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 27(2), kif ukoll l-Artikolu 32(1) u (6) tad-Direttiva 2012/34 għandhomx jiġu interpretati fis-sens, l-ewwel nett, li ż-żidiet fit-tariffi għandhom neċessarjament jiġu ppubblikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network qabel ma jiġu awtorizzati mill-korp regolatorju, it-tieni nett, li din id-dikjarazzjoni għandha tispeċifika, għal kull segment tas-suq ikkonċernat, l-informazzjoni dwar iż-żidiet fit-tariffi relatati mal-ispejjeż direttament imputabbli lill-operat tas-servizz ferrovjarju u, it-tielet nett, li s-sempliċi modifika tal-ammont ta' dawn l-istess żidiet tikkostitwixxi modifika ta' element essenzjali tas-sistema ta' tariffazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 32(6) ta' din id-direttiva.

58 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, dwar ir-rabta tal-obbligu li tiġi ppubblikata d-dikjarazzjoni dwar in-network mal-proċedura għal awtorizzazzjoni ta' żieda fit-tariffi, kif prevista fid-dritt nazzjonali.

59 F'dan ir-rigward, mir-risposta għall-ewwel domanda jirriżulta li d-Direttiva 2012/34, billi ma tipprevedi ebda proċedura għal awtorizzazzjoni, ma tirregolax, għaldaqstant, il-regoli li tali proċedura għandha tosserva.

60 Madankollu, id-dubji mfissra fil-kuntest tar-risposta għall-ewwel domanda huma rilevanti wkoll f'dan il-kuntest. Il-regoli li jeżiġi d-dritt nazzjonali għal tali proċedura għal awtorizzazzjoni ma għandhomx għalhekk inaqqru l-prerogattivi tal-atturi involuti u, b'mod partikolari, ma għandhomx jagħmluha impossibbli għall-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja li josserva t-terminu previst fl-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 2012/34 għall-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-network.

61 Dan ifisser li l-għażla ta' Stat Membru li jissuġġetta ż-żidiet fit-tariffi tal-infrastruttura għal proċedura għal awtorizzazzjoni ma tistax iżżomm lill-maniġer tal-infrastruttura milli jippubblika, fid-dikjarazzjoni dwar in-network, l-informazzjoni dwar iż-żidiet li huwa jkun iddetermina, u dan mingħajr ma dan tal-aħħar ikollu għalfejn jistenna l-eżitu ta' din il-proċedura, billi jindika, jekk ikun il-każ, li tali proċedura tkun għadha pendenti.

62 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fit-tieni lok, jekk ikunx biżżejjed, fid-dawl tal-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2012/34, li d-dikjarazzjoni dwar in-network tindika tariffa globali għal kull kilometru li jkun sar bit-tren, liema tariffa tkun tkopri kemm l-ispejjeż imputabbli direttament lill-operat tas-servizz ferrovjarju, skont l-Artikolu 31(3) ta' din id-direttiva, kif ukoll iż-żidiet iddeterminati skont l-Artikolu 32 tal-imsemmija direttiva, jew jekk dan id-dokument għandux b'mod obbligatorju jispeċifika, għal kull segment tas-suq ikkonċernat, l-ammonti taż-żidiet fit-tariffi relatati mal-ispejjeż direttament imputabbli lill-operat tas-servizz ferrovjarju.

63 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-punt 26 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34 jiddefinixxi d-"dikjarazzjoni dwar in-netwerk" bħala d-"dikjarazzjoni li tistabbilixxi fid-dettall ir-regoli ġenerali, it-termini, il-proċeduri u l-kriterji għall-iskemi ta' tqegħid ta' piżijiet u tal-allokazzjoni tal-kapaċità inkluża l-informazzjoni l-oħra bħal din li hi meħtieġa biex tippermetti l-applikazzjonijiet għall-kapaċità tal-infrastruttura".

64 L-Artikolu 27(2) ta' din id-direttiva jippreċiża li d-dikjarazzjoni dwar in-network għandha tinkludi informazzjoni li tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja kkonċernata kif ukoll għall-faċilitajiet għas-servizz konnessi man-network tal-maniġer tal-infrastruttura u l-provvista ta' servizzi f'dawn il-faċilitajiet, il-kontenut tal-imsemmija dikjarazzjoni ddefinit fl-Anness IV tal-imsemmija direttiva.

65 Issa, skont il-punt 2 ta' dan l-Anness IV, id-dikjarazzjoni dwar in-network għandha tinkludi kapitolu dwar il-prinċipji ta' tariffazzjoni u dwar it-tariffi li jkun fih dettalji xierqa dwar, b'mod partikolari, is-sistema ta' tariffazzjoni, kif ukoll biżżejjed informazzjoni dwar it-tariffi. F'dan ir-rigward, għandha tingħata deskrizzjoni ddettaljata tal-metodoloġija, tar-regoli u, jekk ikun hemm bżonn, tal-iskali użati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 31 sa 36, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż u mat-tariffi.

66 Barra minn hekk, mill-premessa 34 ta' din id-direttiva jirriżulta li l-għan tad-dikjarazzjoni dwar in-network huwa li l-impriżi ferrovjarji jingħataw l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għall-infrastrutturi ferrovjarji u għas-servizzi fil-faċilitajiet għas-servizz b'mod nondiskriminatorju u bi trasparenza sħiħa.

67 Minn din il-premessa 34, kif ukoll mill-formulazzjoni tal-punt 26 tal-Artikolu 3, tal-Artikolu 27(2) u tal-punt 2 tal-Anness IV tad-Direttiva 2012/34, jirriżulta li, sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet u sabiex jintlaħaq l-għan li dawn tal-aħħar ifittxu li jilħqu, ma huwiex biżżejjed li l-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja jinkludi fid-dikjarazzjoni dwar in-network tariffa globali għal kull kilometru li jkun sar bit-tren li tkun tkopri l-ispejjeż direttament imputabbli lill-operat tas-servizz ferrovjarju, kif ukoll kwalunkwe żieda.

68 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punti 37 u 38 ta' din is-sentenza, l-impriżi ferrovjarji għandhom id-dritt jikkontestaw quddiem il-korp regolatorju t-tariffi ppubblikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network li jkunu jmorru kontra r-regoli u l-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 2012/34. Peress li, kif irrilevat, essenzjalment, l-Avukata Ġenerali fil-punt 97 tal-konklużjonijiet tagħha, iż-żidiet huma rregolati minn regoli li jidderogaw mill-prinċipji ta' tariffazzjoni applikabbli għat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura u tal-faċilitajiet għas-servizz, id-dritt tal-impriżi ferrovjarji li jitolbu eżami mill-ġdid ikun kompromess jekk l-informazzjoni dwar l-ispejjeż direttament imputabbli lill-operat tas-servizz ferrovjarju u dwar dawn iż-żidiet ma tiġix ipprovduta b'mod separat f'dan id-dokument.

69 Dan ifisser li, meta l-maniġer tan-network tal-infrastruttura jiddetermina żidiet abbażi tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2012/34, id-dikjarazzjoni dwar in-network għandha tispeċifika, għal kull segment tas-suq ikkonċernat, l-informazzjoni dwar iż-żidiet fit-tariffi relatati mal-ispejjeż direttament imputabbli lill-operat tas-servizz ferrovjarju.

70 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fit-tielet lok, dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2012/34 li jipprovdi li, jekk maniġer tal-infrastruttura jkun biħsiebu jimmodifika l-elementi essenzjali tas-sistema ta' tariffazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu 32, huwa għandu jinforma lill-pubbliku b'dan mill-inqas tliet xhur qabel id-data ta' skadenza tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-network skont l-Artikolu 27(4) ta' din id-direttiva.

71 Din id-dispożizzjoni tal-aħħar tipprevedi li d-dikjarazzjoni dwar in-network għandha tiġi ppubblikata mhux inqas minn erba' xhur bil-quddiem qabel id-data ta' skadenza għat-tressiq tat-talbiet għal kapaċità tal-infrastruttura.

72 B'hekk, fil-każ ta' modifika ta' "element essenzjali" tas-sistema ta' tariffazzjoni, it-tliet xhur previsti fl-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2012/34 jiżdiedu mal-erba' xhur previsti fl-Artikolu 27(4) ta' din id-direttiva, u b'hekk l-operaturi kkonċernati jingħataw iktar żmien sabiex iħejju, bl-għarfien tal-ispejjeż prevedibbli li huma ser ikollhom isostnu, id-deċiżjoni kummerċjali tagħhom bil-ħsieb li jitolbu kapaċitajiet tal-infrastruttura ferrovjarja.

73 Għalkemm id-Direttiva 2012/34 ma tiddefinixxix dak li għandu jitqies bħala "element essenzjali" tas-sistema ta' tariffazzjoni, mill-għan li jfittex li jilħaq l-obbligu li tiġi ppubblikata dikjarazzjoni dwar in-network, mid-definizzjoni ta' din id-dikjarazzjoni u mid-deskrizzjoni tal-informazzjoni li għandha tabilfors tkun inkluża f'din id-dikjarazzjoni, kif imfakkra fil-punti 63 sa 66 ta' din is-sentenza, jista' jiġi dedott, madankollu, li l-"elementi essenzjali tas-sistema ta' tariffazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 32(6) ta' din id-direttiva, jinkludu l-elementi kostituttivi tal-kalkolu taż-żidiet u l-metodoloġija adottata, iżda mhux neċessarjament ir-riżultat ta' dan il-kalkolu.

74 Għaldaqstant, u kif sostnew il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, jekk ikun inbidel biss l-ammont taż-żidiet meta mqabbel ma' dak tal-perijodu preċedenti ta' validità tal-orarju tax-xogħol, mingħajr ma jinbidlu, b'mod partikolari, il-prinċipji li jirregolaw il-kalkolu ta' dawn iż-żidiet, tali modifika ma għandhiex titqies li hija modifika ta' element essenzjali tas-sistema ta' tariffazzjoni.

75 Għalhekk, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 27(2), kif ukoll l-Artikolu 32(1) u (6) tad-Direttiva 2012/34, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, l-ewwel nett, l-informazzjoni dwar iż-żidiet fit-tariffi ma għandhiex tabilfors tiġi ppubblikata fid-dikjarazzjoni dwar in-network qabel ma jiġu awtorizzati mill-korp regolatorju, it-tieni nett, li din id-dikjarazzjoni għandha tispeċifika, għal kull segment tas-suq, l-informazzjoni dwar iż-żidiet fit-tariffi relatati mal-ispejjeż direttament imputabbli lill-operat tas-servizz ferrovjarju u, it-tielet nett, li s-sempliċi modifika tal-ammont ta' dawn iż-żidiet ma tikkostitwixxix modifika ta' element essenzjali tas-sistema ta' tariffazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 32(6) ta' din id-direttiva.

Fuq ir-raba' domanda

76 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk id-Direttiva 2012/34 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-informazzjoni dwar iż-żidiet ippubblikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network għall-perijodu ta' validità tal-orarju tax-xogħol ikkonċernat torbot lill-korp regolatorju huwa u jeżerċita l-kompetenza ta' awtorizzazzjoni li tkun ġiet fdata lilu minn Stat Membru.

77 Kif jirriżulta mir-risposta għall-ewwel domanda, fit-tqassim tal-kompetenzi previst fid-Direttiva 2012/34, huwa l-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja li għandu jiddetermina u jimponi t-tariffi għall-użu ta' din l-infrastruttura, inkluż kwalunkwe żieda, u dan skont il-qafas ta'

tariffazzjoni u r-regoli stabbiliti ta' tariffazzjoni. Barra minn hekk, għalkemm l-impożizzjoni ta' dawn iż-żidiet tista' tkun suġġetta għal proċedura għal awtorizzazzjoni, din tal-aħħar għandha tosserva l-funzjonijiet tal-korp regolatorju, kif iggarantiti fl-Artikolu 56 ta' din id-direttiva.

78 Skont dan l-Artikolu 56, huwa mbagħad dan il-korp regolatorju li għandu jivverifika, fuq talba ta' applikant jew inkella minn jeddu, jekk dawn it-tariffi jkunux konformi mal-imsemmija direttiva u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tagħha. Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, taż-żidiet, huwa dan il-korp li għandu jivverifika jekk l-informazzjoni dwar iż-żidiet ippubblikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network tkunx konformi mal-qafas ta' tariffazzjoni, stabbilit mill-Istat Membru skont l-Artikolu 29(1) tal-istess direttiva, u mas-sistema ta' tariffazzjoni, stabbilita mill-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja, skont l-Artikolu 32(1) u (6) ta' din tal-aħħar.

79 B'hekk, fil-kuntest ta' din il-verifika, il-korp regolatorju huwa awtorizzat jindika lill-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja kkonċernat l-modifiki li għandhom isiru fis-sistema ta' tariffazzjoni sabiex jiġu rrimedjati l-inkompatibbiltajiet ta' din is-sistema mar-rekwiżiti previsti fid-Direttiva 2012/34 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, LatRailNet u Latvijas dzelzceļš, C-144/20, EU:C:2021:717, punti 38 u 45).

80 Għalkemm tali modifiki jista' jkollhom l-effett, skont il-każ, li jżidu jew inaqqsu ż-żidiet, xorta jibqa' l-fatt li dawn għandhom jillimitaw ruħhom sabiex jirrimedjaw tali sitwazzjonijiet ta' inkompatibbiltà. Il-korp regolatorju ma huwiex awtorizzat jobbliga lill-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja jissuġġetta ruħu għall-evalwazzjoni ta' opportunità tal-imsemmi korp, billi, b'dan il-mod, il-korp regolatorju jkun qiegħed jippreġudika l-marġni ta' manuvra li għandu jkollu dan il-maniġer, kif tfakkar fil-punt 49 ta' din is-sentenza.

81 Għalhekk, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 29(1), kif ukoll l-Artikoli 32 u 56 tad-Direttiva 2012/34 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-informazzjoni dwar iż-żidiet ippubblikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network għall-perijodu ta' validità tal-orarju tax-xogħol ikkonċernat torbot lill-korp regolatorju huwa u jeżerċita l-kompetenza ta' awtorizzazzjoni li tkun ġiet fdata lilu minn Stat Membru, fis-sens li l-modifiki li huwa jitlob lill-maniġer tal-infrastruttura jagħmel fir-rigward ta' dawn iż-żidiet għandhom ikunu limitati sabiex jirrimedjaw sitwazzjonijiet ta' inkompatibbiltà ma' din id-direttiva u ma jistgħux jinkludu evalwazzjonijiet ta' opportunità min-naħa ta' dan il-korp.

Fuq il-ħames domanda

82 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2012/34 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, għall-finijiet tad-determinazzjoni taż-żidiet, jittieħed inkunsiderazzjoni l-ammont totali ta' dħul li l-Istat Membru jobbliga lill-maniġer tal-infrastruttura jagħmel u jekk, għall-finijiet tal-kalkolu tal-ispiża totali li jkun sostna l-maniġer tal-infrastruttura, għandux jittieħed inkunsiderazzjoni qligħ ieħor li jkun għamel dan il-maniġer, b'mod partikolari sussidji pubbliċi.

83 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, kif ġie kkonstatat fil-punt 48 ta' din is-sentenza, li, sabiex jiġi ggarantit l-għan tal-indipendenza amministrattiva tal-maniġer tal-infrastruttura, kif previst fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/34, dan tal-aħħar għandu jkollu marġni ta' manuvra fid-determinazzjoni tal-ammont tat-tariffi.

84 Issa, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk, kif jeżiġi l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2012/34, is-suq ikunx jiflaħ għal żidiet, l-iffissar, minn Stat Membru, ta' ammont totali ta' dħul li l-maniġer tal-infrastruttura huwa obbligat jagħmel, għandu l-effett li jillimita dan il-marġni ta' manuvra tal-maniġer tal-infrastruttura b'mod li huwa inkompatibbli ma' dan il-għan (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka, C-545/10, EU:C:2013:509, punt 36).

85 Fil-fatt, l-obbligu li jintlaħaq tali ammont jista' jinċentiva lill-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja jagħti prijorità lill-ġbir tad-dħul, u dan filwaqt li, fid-dawl tal-premessa 43 tad-Direttiva 2012/34, is-sistemi ta' tariffazzjoni għandhom jinċentivaw lill-maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja jottimizzaw l-użu tal-infrastruttura.

86 Fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont taż-żidiet, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(3) tad-Direttiva 2012/34, l-ispiża direttament imputabbli lill-operat tas-servizz ferrovjarju hija koperta mit-tariffi miġbura għall-pakkett ta' aċċess minimu u għall-aċċess għall-infrastruttura li tgħaqqad il-faċilitajiet għas-servizz. Fil-kuntest tas-sistema ta' tariffazzjoni stabbilita mill-Istat Membru, id-differenza bejn din l-ispiża u l-ispiża totali marbuta ma' dan l-operat li jkun sostna l-maniġer tal-infrastruttura jistgħu, skont l-Artikolu 32(1) ta' din id-direttiva, ipattu għaliha ż-żidiet.

87 Fid-dawl tal-prinċipji ta' tariffazzjoni hekk stabbiliti fid-Direttiva 2012/34, id-dħul li jista' jagħmel il-maniġer tal-infrastruttura li ma jkunx marbut mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja huwa irrilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ispiża totali li jkun sostna l-maniġer tal-infrastruttura.

88 Mill-banda l-oħra, kif essenzjalment irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punti 115 sa 118 tal-konklużjonijiet tagħha, is-sussidji pubbliċi li jkun irċieva l-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja sabiex jiġu koperti spejjeż marbuta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja għandhom jitnaqqsu mill-ammont tal-ispiża totali li jista' jservi bħala bażi għall-kalkolu taż-żidiet. Fil-fatt, tali sussidji huma intiżi li jkopru l-istess spejjeż bħal dawk li jistgħu jkunu s-suġġett tal-imsemmija żidiet, peress li dawn tal-aħħar ma jistgħux jiġġeneraw qligħ.

89 Fid-dawl tar-raġunijiet premessi, ir-risposta għall-ħames domanda għandha tkun li l-Artikoli 4 u 32(1) tad-Direttiva 2012/34 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li, għall-finijiet tad-determinazzjoni taż-żidiet, jittieħed inkunsiderazzjoni ammont totali ta' dħul li l-Istat Membru jobbliga lill-maniġer tal-infrastruttura jagħmel. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ispiża totali li jkun sostna dan il-maniġer, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, is-sussidji pubbliċi li dan tal-aħħar ikun irċieva sabiex ikopri spejjeż marbuta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-imsemmija infrastruttura.

Fuq l-ispejjeż

90 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 29(1), kif ukoll l-Artikoli 32 u 56 tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016,**

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   ma jipprekludux li Stat Membru jissuġġetta l-impożizzjoni ta' żidiet f'tariffi għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja ddeterminati mill-maniġer ta' din l-infrastruttura għal proċedura għal awtorizzazzjoni, bil-kundizzjoni, madankollu, li tali proċedura tkun tosserva l-marġni ta' manuvra li għandu jkollu l-maniġer tal-imsemmija infrastruttura fid-determinazzjoni tal-ammont tat-tariffi b'mod li huwa jkun jista' juża din il-flessibbiltà bħala għodda ta' ġestjoni, ma tkunx tnaqqar il-prerogattivi tal-atturi involuti u ma tkunx iżżomm lill-korp regolatorju milli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont l-imsemmi Artikolu 56.

2) **L-Artikolu 27(2), kif ukoll l-Artikolu 32(1) u (6), tad-Direttiva 2012/34, kif emendata bid-Direttiva 2016/2370,**

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   l-ewwel nett, l-informazzjoni dwar iż-żidiet fit-tariffi ma għandhiex tabilfors tiġi ppubblikata fid-dikjarazzjoni dwar in-network qabel ma jiġu awtorizzati mill-korp regolatorju, it-tieni nett, li din id-dikjarazzjoni għandha tispeċifika, għal kull segment tas-suq, l-informazzjoni dwar iż-żidiet fit-tariffi relatati mal-ispejjeż direttament imputabbli lill-operat tas-servizz ferrovjarju u, it-tielet nett, li s-sempliċi modifika tal-ammont ta' dawn iż-żidiet ma tikkostitwixxix modifika ta' element essenzjali tas-sistema ta' tariffazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2012/34, kif emendata.

3) **L-Artikolu 29(1), kif ukoll l-Artikoli 32 u 56, tad-Direttiva 2012/34, kif emendata bid-Direttiva 2016/2370,**

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   l-informazzjoni dwar iż-żidiet ippubblikati fid-dikjarazzjoni dwar in-network għall-perijodu ta' validità tal-orarju tax-xogħol ikkonċernat torbot lill-korp regolatorju huwa u jeżerċita l-kompetenza ta' awtorizzazzjoni li tkun ġiet fdata lilu minn Stat Membru, fis-sens li l-modifiki li huwa jitlob lill-maniġer tal-infrastruttura jagħmel fir-rigward ta' dawn iż-żidiet għandhom ikunu limitati sabiex jirrimedjaw sitwazzjonijiet ta' inkompatibbiltà mad-Direttiva 2012/34, kif emendata, u ma jistgħux jinkludu evalwazzjonijiet ta' opportunità min-naħa ta' dan l-korp.

4) **L-Artikolu 4 u l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2012/34, kif emendata bid-Direttiva 2016/2370,**

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu li, għall-finijiet tad-determinazzjoni taż-żidiet, jittieħed inkunsiderazzjoni ammont totali ta' dħul li l-Istat Membru jobbliga lill-maniġer tal-infrastruttura jagħmel. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ispiża totali li jkun sostna dan il-maniġer, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, is-sussidji pubbliċi li dan tal-aħħar ikun irċieva sabiex ikopri spejjeż marbuta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-imsemmija infrastruttura.

Firem